MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 483/2012

Appell Numru: 483/2012

Il-Pulizija

Vs

Nisar I Mustafa Al-Gadi

Illum, 19 ta’ Frar, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Nisar I Mustafa Al-Gadi, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 25405A talli:

Nhar is-27 ta’ Lulju 2012, ghall-habta tat-tmienja ta’ fil-ghaxija gewwa l-Kwartieri Generali
tal-Pulizija:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Surgent tal-Pulizija numru 1152 Emanuel Saliba, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' u cioe' tas-Surgent tal-Pulizija numru 1152 Emanuel Saliba. persuna inkarigata minn servizz pubbliku. jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu. jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallihx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li l-istess ufficjal ghamel skond il-ligi.

3. Nhar it-28 ta Lulju 2012, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta wara nofs inhar, gewwa l- Kwartieri Generali tal-Pulizija. ingurja, bedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta l-Ispettur Keith Arnaud, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz. jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita u cioe tal-Ispettur Keith Arnaud. persuna inkarigata minn servizz pubbhiku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirjiet tieghu, jew b'xi mod iehor. bla jedd indahal fi dmiru billi ma hallihx jaghmel dak bi b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li l-istess ufficjal ghamel skond il-ligi.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti u ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti iddikjarat l-imputat hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames

imputazzjoni u taghhorn sabithu hati. Ma sabitux hati tal-ewwel u t-tieni u minnhom illiberatu. Rat 1-Artikolu 95(1), 31, 17, 338(bb)(cc) tal-Kap 9. Ikkundannatu erba' xhur prigunerija komplessivament.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Nisar I Mustafa Al-Gadi pprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti

1. Timmodifika s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Ottubru 2012 fi-ismijiet fuq premessi fis-sens li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-esponent mhux hati tat-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tar-rikorrent minn kull htija u piena, u

2. F'kaz li ma tintlaqax l-ewwel talba jew parti minnha timmodifika s-sentenza fis-sens li l-piena karcerarja tigi mibdula f'piena anqas iebsa tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Nisar I Musatafa Al-Gadi u cioe':-

1. L-Onor. Qorti ta' l-ewwel istanza ma tat l-ebda importanza ghall fatt li hemm l-erba' pulizija kien hemm divergenzi kbar rigwardanti diversi aspetti tal-allegat incident tat-28 ta' Luiju 2012.

2. Bl-akbar rispett l-Onor. Qorti ta' l-ewwel istanza dehret impressjonata bil-fatt li erba' membri tal-Pulizija konfermaw l-istess verzjoni u ma tat l-ebda importanza ghall-fatt li l-Pulizija li kienu ordnati jiehdu l-esponent direttament sal-habs, naqsu li jghamlu hekk billi minflok haduh sal-Kwarteri Generali u b'hekk l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

3. Ma jaghmilx sens legali li l-esponent instab hati fuq l-akkuzi appellati meta hu gie liberat mill-ewwel zewg akkuzi. Ix-xiehda okkulari huma sostanzjalment l-istess u l-ewwel qorti kellha ghall istess motivazjonijiet tghaddi biex tillibera l-esponent ukoll fuq it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi u dana ukoll billi l-istess 3, 4 u 5 akkuzi ma gewx debitament ippruvati.

4. Specifikament ghat-tielet (3) akkuza ma hemmx provi bizzejjed biex jisostanzjaw din l-akkuza, u barra minn hekk l-provi prodotti huma konfliggenti u inkonklussivi;

5. Specifikament ghar-raba' akkuza ma irrizulta minn imkien illi l-esponent ma obdiex jew fixkel l-ordnijiet tal-iSpettur Kieth Arnaud: Di piu' u minghajr pregudizzju c-cirkostanzi tal-allegat incident huma tali li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-ordniijiet tal-Pulizija kienux legittimi. Ta' l-ahhar qed jigi sottomess in vista tal-fatt li l-Pulizija stess naqsu jobdu ordni tal-Qorti Struttorja.

6. Specifikament ghall-hames (5) akkuza ma hemmx provi bizzejjed biex jisostanzjaw din l-akkuza, u barra rninn hekk l-provi prodotti huma konfliggenti u inkonklussivi: Di piu' l-elementi ghal dan ir-reat ma gewx sodisfatti: U aktar billi l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ma tistax titqies "post pubbliku" ghall-finijet tal-ligi.

7. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena hija eccessiva billi legalment disproporzjonata.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) il-pulizija kienet ghaddejja b'investigazzjoni dwar omicidu ta' Dottor Margaret Mifsud u fil-kors ta' din l-investigazzjoni baghtet ghall-appellant Nisar Mustafa Al Gadi. Dakinhar gie investigat u filghaxija l-pulizija infurmatu illi kien se jibqa' d-depot biex l-investigazzjoni tkompli 'l ghada. Skont l-Ispettur Keith Arnaud hawnhekk l-appellant beda jkun agressiv u jipprovakahom matul l-investigazzjoni. L-aggressjoni tal-

appellant ma kinitx diretta biss lill-Ispettur Keith Arnaud izda anki lis-surgent u pulizija ohra li kienu qieghdin jassistu lill-istess spettur. B’xi mod l-appellant ghamel il-lejl id-depot. ‘Il ghada biddel l-attitudni tieghu u qal li ma riedx lill-pulizija jaghmlu show bih. Ma riedx jidhol fil-karozza tal-pulizija u ghalhekk gabulu l-prison van. Al Gadi tressaq il-Qorti akkuzat bl-omicidju ta’ Dottor Margaret Mifsud u wara l-prezentata Al Gadi gie mibghut il-habs. Il-pulizija, però, hadu lill-appellant id-depot biex hemmhekk ibiddlu l-karozzi u jmur il-habs b’vettura ohra. F’dan l-istadju l-appellant rega’ beda jkun agressiv u jghajjar lill-Ispettur Arnaud bil-familja tieghu u anki joffendih. Kien hawnhekk illi l-appellant uza l-kelma “pufta” fil-konfront tal-Ispettur. Peress li kienu mal-bieba tal-karozza, li l-ispettur baxxa ras l-appellant u imbuttah biex jidhol fil-karozza halli jmur il-habs. L-appellant ittiehed il-habs b’pulizija zejjed skorta iktar min-normali ghaliex deherilhom illi kien agressiv wisq. Il-verzjoni tal-ispettur hija korraborata mis-surgent 180 Fabian Aquilina fejn ikkonferma illi l-appellant kien agressiv u arroganti maghhom u nfexx f’tghajjir, insolenzi u theddid fil-konfront tal-Ispettur Arnaud. Ikkonferma illi l-appellant ma riedx jidhol fil-karozza ghax qal li se jkun hemm il-press jistennewh. Il-pulizija uzat ftit forza biex idahhlu lill-appellant fil-karozza izda ma kienx hemm bzonn illi tintuza vjolenza.

L-appellant minn naha tieghu innega illi uza xi kliem dispreggjattiv fil-konfront tal-appellant. Gharraf lill-Qorti illi dak il-hin kien bil-manetti u suppost kellu jittiehed dritt il-habs. Però l-pulizija haduh id-depot. U hawnhekk deherlu illi l-pulizija ma kinux qieghdin jobdu l-ordnijiet tal-Qorti. Allega illi l-ispettur ghajjat mieghu izda l-appellant dejjem kellmu sewwa. Qatt ma kellu kwistjonijiet mal-Qorti.

Wara dan l-incident l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif murija fil-bidu ta’ dan il-gudikat u b’sentenza tat-tmintax (18) ta’ Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) (fol 46) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tat-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet, ma sabitux hati tal-ewwel u t-tieni, u ikkundannatu ghal erba’ (4) xhur prigunerija.

Nisar Mustafa Al Gadi hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell, fejn l-ilment tieghu kien jikkoncerna l-fatt li d-depot ma kellux jitqies bhala post pubbliku peress illi m'hemmx access ghall-pubbliku minghajr permess specjali u ghalhekk ma kellux jinstab hati tal-hames imputazzjoni. It-tieni ilment tal-appellant kien illi l-fatti ma jikkumplementawx ir-reat u ma kellux jinstab hati tar-raba' imputazzjoni peress illi hemm ic-cahda tieghu li jwassal ghall-konflitt kbir fil-verzjonijiet. Argumenta illi meta tressaq il-Qorti u l-Qorti cahdet it-talba ghal-libertà provvizorja l-pulizija kienu obbligati illi jiehdu lill-appellant dritt il-habs u ma setghux jaghmlu detour u jehduh l-ewwel id-depot ghax b'hekk il-pulizija kisret ordnijiet tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Wara li l-Qorti semghet ix-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud, PS 180 Fabian Aquilina u lill-istess appellant jidhrilha illi ma tistax taqbel mal-argumenti tal-appellant. Jibda biex jinghad illi d-depot tal-pulizija huwa dipartiment governattiv u ghalhekk post pubbliku u accessibbli ghall-pubbliku; veru illi dan huwa ristrett minhabba n-natura tal-istess xoghol tal-pulizija, però b'daqshekk ma jfissirx illi d-depot huwa xi post privat illi minnu l-pubbliku huwa eskluz per principju. Fid-depot tal-pulizija n-nies il-hin kollu dehlin u hergin min ghal haga u min ghal ohra jew biex igib xi permess jew licenzja jew inkella biex ikellem lil xi pulizija jew spettur. F'dan il-kaz dak li jkun imur fil-guardroom fejn hemmhekk ikun hemm receptionist u jaghmel it-talba tieghu u jghaddih ghand il-persuna koncernata. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi d-depot tal-pulizija ghandu jitqies bhala post pubbliku jew alemenu accessibbli ghall-pubbliku, f'liema kaz, jekk jirrizulta illi l-appellant qal kliem oxxen jew indicenti, ghamel gesti u atti oxxeni li joffendu l-morali u l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika, jista' jinstab hati tal-hames akkuza.

Ikkunsidrat:

L-appellant, però, jinnega dak kollu illi qal l-ispettur u s-surgent fil-konfront tieghu. Jghid, anzi, illi l-pulizija urew attitudni diskriminatorju fil-konfront tieghu u uzaw vjolenza meta gaghluh jidhol fil-karozza bil-forza biex imur il-habs. L-appellant jargumenta illi dan iwassal ghall-konflitt serju tal-provi fejn il-Qorti, allura, kellha temmen il-verzjoni moghtija mill-appellant peress illi dina titfa' dubbju fuq il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma jidhrilhiex illi dana huwa l-kaz. Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Il-kawza Il-Pulizija versus Joseph Thorn moghtija mill-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2013 inghad: "... Mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex se temmnu jew ma temmnux (ara ukoll Repubblika ta' Malta kontra Dennis Pandolfino et, 19 ta' Ottubru 2006)." Din il-Qorti ghamlet proprju dan l-ezercizzju u qabblet ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Arnaud u s-Surgent Fabian Aquilina u x-xhieda moghtija mill-appellant u ssib illi l-verzjoni moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud hija ferm aktar kredibbli minn dik tal-appellant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-pulizija kisru xi ordni tal-Qorti meta din ordnat li l-appellant kellu jittiehed il-habs. Il-Qorti ma ordnatx illi l-appellant kellu jittiehed direttament il-habs u ghalhekk il-pulizija billi dehrilhom illi kellhom ibiddlu l-vetturi ma jfissirx illi b'daqshekk naqsu minn dak illi ordnat il-Qorti. L-appellant wera certa inkonsistenza fix-xhieda tieghu meta huwa qal lill-Qorti taht gurament illi qatt ma kellu kawzi l-Qorti, mentri fil-fedina penali jirrizulta illi huwa digà kiser difru mal-ligi fl-elfejn u disgha (2009). L-appellant jghid illi huwa tilef dik il-kawza ghaliex ma dehrlux l-avukat. Però, f'dan il-kaz kien hemm mezzi ohra disponibbli ghall-appellant li kieku verament ried jikkontesta dik il-kawza il ghaliex dherlu illi ma kellux htija. Illum dik is-sentenza hija definittiv u l-appellant ma jistax

aktar jghid illi huwa ma kellux kwistjonijiet mal-Qorti. Però din il-Qorti mhiex sejra ma temminx lill-appellant fuq dana biss peress illi l-verzjoni moghtija mill-appellant m'ghandhiex mis-sewwa hdejn dik il-verzjoni moghtija mill-Ispettur Keith Arnaud li hija kategorika u preciza u tirrakkonta kwazi frame frame dak illi ghamel l-appellant, kif agixxa b'mod arroganti u vjolenti fil-konfront tal-pulizija.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-decizjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------